MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Numru. 109/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Josef Farrugia, ta' 33 sena, iben Silvestru u Maria nee' Galea,**
**imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-22 ta' Marzu, 1977,**
**residenti fil-fond bin-numru Sweet Lord, Triq Marsilja, Sannat, Ghawdex u detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 9077(G)**

**U**

**Silvestru Farrugia, ta' 62 sena, iben Francis u Nicholina nee' Buttigieg,**

**imwieled Sannat, Ghawdex, nhar it-28 ta’ Mejju, 1948, residenti fil-fond Saint Joseph House, Triq Ta’ Cenc, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 48948(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ’l fuq imsemmija Josef Farrugia u Silvestru Farrugia li gew akkuzati talli bejn is-6 ta’ Dicembru 2010 u fil-granet ta’ qabel gewwa il-fond Sweet Lord, Triq Marsilja, Sannat Ghawdex;

1. Zammew xi ghasafar, u cioe' Griedel Carduelis carduelis; Gojjini Carduelis cannabina; Sponsun Fringilla coelebs, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar, li l-kacca jew it-tehid taghhom huwa projbit taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarat u registrati ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kien nghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izzomm dawk l-ghasfar u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat permezz ta' regolament 4 (a) ta' l-A.L. 39 ta' l-2007 u 3 (a) ta' l-A.L. 280 ta' l-2007;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi, zammew xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, meta dawk l-ghasfar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn kienu jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u meta dawk l-ghasafar ma kienux migjuba f' Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat permezz ta' regolament 4 (a) ta' l-A.L. 39 ta' l-2007 u 3 (b) ta' l-A.L. 280 ta' l-2007;

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi zammew jew qaflu xi ghasafar li kienu f'xi gagga jew recipjent iehor li kien inqas gholi minn 250mm, inqas twil minn 250mm u inqas wiesgha minn 150mm dan bi ksur ta' regolament 20 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emmendat;

Josef Farrugia wahdu:

4. Talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal- Magistrati ta' Malta u ta' Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra;

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena skont regolament 27(3) ta' L-Avviz Legali 79 ta' l-2006 hekk kif emendat bl-Avviz Legali 39 ta' l-2007, tordna il-konfiska tal-corpus delicti, kif ukoll is-sospensjoni jew revoka ta' kull licenzja jew permess maghrufa taht l-istess regolament u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perijodu applikabbli taht l-istess regolament;
Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi mismugha u fid-dawl tal-ammissjoni registrata mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputati, kif ukoll il-fatt illi Josef Farrugia huwa akkuzat illi huwa recediv;

Ghaldaqstant il-Qorti, fir-rigward tal-imputat Silvestru Farrugia, wara li rat ir-Regolament 4(1)(e)(f), 20, 27(3)(a)

tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71, tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500) u fir-rigward tal-imputat Josef Farrugia wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 27(3)(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71, tikkundannah multa elf ewro (€1000);

Inoltre l-Qorti tordna illi dawk l-ghasafar mejtin li jiffurmaw parti mid-dokument 'FT 3' jigu distrutti u dawk li ghadhom hajjin mill-istess dokument, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta jew l-Awtorita' Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------